**Kumitat Amministrattiv Swatar**

Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida

**Swatar Administrative Committee**

Birkirkara and Imsida Local Councils

# MINUTI

## Kumitat Amministrattiv Swatar

## Laqgħa Nru. 36/2017

Data: 19 ta' Settembru, 2017

Hin: 5.30 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv, Pjazza Menqa, Msida

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Is-Sur Matthew Mangion** | - | **Chairperson** |
| | **Is-Sinj. Deborah Galea** | - | **Membru** |
| | **Is-Sur Emanuel Galea** | - | **Membru** |
| | **Is-Sur Owen Attard** | - | **Membru** |
| | **Is-Sur Michael Mifsud** | - | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Skużati:** | **Is-Sur Jimmy Zahra** | - | **Membru** |
| **Assenti:** | | | |

## AĠENDA

**Talba**

Iċ-Chairperson Sur Matthew Mangion ppresida il-36 Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.

### 36.1 Qari tal-ittri ta' apologiji

Is-Sur Matthew Mangion informa lill-Membri lis-SurJimmy Zahra jinsab ~~jinsab~~ assenti għal din il-laqgħa.

### 36.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-35 Laqgħa;

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nru 35 u dawn l-istess minuti ittieħdu bħala moqrija.

Il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv approvaw il-minuti unanimament

## 36.3 Korrezzjoni tal-Minuti

**Laqgħa 35 – 35.3.1** - Minflokk Laqgħa Nru 34/2014 giet tinqara Laqgħa Nru 33/2017

## 36.4 Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti tal-35 Laqgħa

36.4.1 Minuta 35.4.3 – Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li dwar il-proġett rekrejattiv li ser isir fż-żona tat-Triq Balliju Guttenbur fejn l-evalwazzjoni tat-tender tlestiet u ser tkun fuq l-Agenda tal-Laqgħa li jmiss tal-Imsida. Wara li jghaddi ż-żmien stipulat bil-ligi minħabba xi kontestazzjonijiet ikun jista' jibda ix-xogħol hekk kif kien previst. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmhom li meta dan il-process jitlest ser ikunu notifikati.

Il-Membri tal-Kumitat qablu unanimament.

36.4.2 Minuta 35.5.1 - Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-membri lis-Sur Michael Cohen kien indispost u għaldaqstant qiegħed jistenna appuntament meta ser issir il-laqgħa formali sabiex ikun diskuss it-traffic management plan għall-Lokalita' tas-Swatar minħabba l-porblema tat-traffiku li ta' kuljum qed tkun ta' problema għar-residenti kollha

Is-Sur Matthew Mangion u l-kumplament tal-membri tal-Kumitat Amministrattiv qablu unanimament ~~u s-Segretarju~~.

36.4.3 Minuta 35.5.2 - Is-Segretarju Ezekuttiv infrorma lill-Membri li l-Kunsill Lokali ta' B'Kara innotifika li l-Water Culverts li jinsabu fiż-żona tas-Swatar tnaddfu u jinsabu fi stat tajjeb minħabba li l-istaġun tax-Xitwa u għaldaqstant ġew eleminati uħud mill-problemi li jġib miegħu l-maltemp.

Il-Membri tal-Kumitat qablu unanimament.

36.4.3 Minuta 35.5.3 – Is-Sinjura Deborah Galea infurmat lis-Segretarju li ser tindaga dwar min huwa/huma s-sidien ta' l-artijiet sabiex b'hekk ikun jista' jsir kuntatt magħhom..

## 35.5 Kommunikazzjoni mic-Chairperson

35.5.1 Ic-Chairperson is-Sur Matthew Mangion irrimarka dwar Jum is-Swatar sabiex b'hekk tkun identifikata ġurnata meta għandu jkun ċelebrat. Is-Sur Owen Attard issuggerixxa sabiex jiżamm l-istess xahar ta' meta tkun ċelebrata l-Festa ta' San Ġorġ Preca, li hija l-festa titulari tal-istess lokalita. Wara diskussjoni twila, Is-Sur Matthew Mangion irrimarka li fiż-żmien li ġej trid tiġi stabbilita' ġurnata sabiex b'hekk Jum is-Swatar jibqa' jkun celebrat kull sena fl-stess ġurnata.

Il-Membri tal-Kumitat qablu unanimament.

## 35.6 Kommunikazzjoni mill-Membri

Ma kienx hemm l-ebda kommunikjazzjoni mill-Membri

## 35.7 Korrispondenza

F'din il-Laqgħa kien hemm din il-korrispondenza waħda li hija Memo 26/2017 dwar l-Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 35.8 Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 t'Ottubru, 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-7.00 ta' filgħaxija.

***Matthew Mangion***
*Chairperson*

***Michael Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 23t'Ottubru ,2017